# Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali: gwida għar-rapport li għandu jiġi preżentat wara d-Deċiżjoni SIEĠ 2012 u l-Qafas SIEĠ 2012

**L-obbligi ta' rappurtar** huma stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni SIEĠ 2012:

> *Kull Stat Membru kull sentejn għandu jippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Kummissjoni. Ir-rapporti għandhom jipprovdu deskrizzjoni dettaljata tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għad-diversi kategoriji ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 2(1), inklużi:*
>
> *(a) deskrizzjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, inklużi attivitajiet interni;*
>
> *(b) l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija b'konformità ma' din id-Deċiżjoni bi tqassim skont is-settur ekonomiku tal-benefiċjarji;*
>
> *(c) indikazzjoni ta' jekk, għal tip partikolari ta' servizz, l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tatx lok għal diffikultajiet jew ilmenti minn partijiet terzi; kif ukoll*
>
> *(d) kull informazzjoni oħra mitluba mill-Kummissjoni rigward l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni u li trid tiġi speċifikata fil-ħin qabel jiġi ppreżentat ir-rapport.*

Il-paragrafu 62 tal-Qafas SIEĠ tal-2012 fil-prinċipju jistabbilixxi obbligi identiċi ta' rappurtar għal għajnuna mogħtija skont il-Qafas SIEĠ 2012.

Jekk jogħġbok ibni r-rapport tiegħek kif ġej:

## 1. Ħarsa ġenerali tan-nefqa

Jekk jogħġbok imla t-tabella li ġejja:

| **Nefqa totali tal-gvern tas-SIEĠ skont il-bażi ġuridika (miljuni ta' EUR)** | | |
|---|---|---|
| | 2016 | 2017 |
| ***Kumpens għal Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (1 + 2)*** | | |
| (1) Kumpens mogħti fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SIEĠ | | |
| (2) Kumpens mogħti fuq il-bażi tal-Qafas SIEĠ | | |

| |
|---|
| Mhux obbligatorju: Jekk l-Istat Membru tiegħek ma tax għajnuna mill-Istat għall-għoti ta' SIEĠ f'ċerti setturi fuq il-bażi tad-Deċiżjoni SIEĠ jew tal-Qafas SIEĠ, informazzjoni dwar strumenti oħra biex ikun żgurat il-provvediment ta' dawn is-servizzi tkun utli ħafna. Jekk disponibbli, jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni qasira ta' dawn l-istrumenti (pereżempju għajnuna diretta lill-utenti, kumpens konformi mal-erba' kriterji Altmark, għajnuna *de minimis* SIEĠ...) u s-setturi li fihom huma użati. |
| |

## 2. DESKRIZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI SIEĠ 2012

**Jekk jogħġbok ibni din il-parti tar-rapport tiegħek skont it-taqsimiet segwenti**:

1) Sptarijiet (l-Artikolu 2(1)(b))

2) Servizzi Soċjali (l-Artikolu 2(1)(c))

   a) Kura tas-saħħa u fit-tul

   b) Indukrar tat-tfal

   c) Aċċess għas-suq tax-xogħol u integrazzjoni lura fih

   d) Akkomodazzjoni soċjali

   e) Indukrar u inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli

3) Konnessjonijiet bl-ajru jew marittimi għal gżejjer bi traffiku annwali medju taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d)

4) Ajruporti u portijiet bi traffiku annwali medju taħt il-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1)(e)

5) Kumpens SIEĠ li ma jaqbiżx l-ammont annwali ta' EUR 15-il miljun (l-Artikolu 2(1)(a))

i. Servizzi postali

ii. Enerġija

iii. Ġbir ta' skart

iv. Provvista tal-ilma

v. Kultura

vi. Servizzi finanzjarji

vii. Setturi oħra (jekk jogħġbok speċifika)

**Għal kull element imniżżel hawn fuq jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fil-forma tat-tabella segwenti:**

| **Deskrizzjoni ċara u komprensiva dwar kif is-servizzi rispettivi huma organizzati fl-Istat Membru tiegħek**[5] |
|---|
| Spjegazzjoni ta' x'tip ta' servizzi fis-settur rispettiv kien definit bħala SIEĠ fl-Istat Membru tiegħek. Jekk jogħġbok niżżel l-**kontenut tas-servizzi ikkunsidrati bħala** |

[5] Jekk f'ċertu settur għadd żgħir biss ta' SIEĠ individwali jeżisti fl-Istat Membri tiegħek, napprezzaw deskrizzjoni dettaljata ta' dawn is-servizzi. Jekk għadd kbir ta' servizzi huma fdati f'settur speċifiku fl-Istat Membru tiegħek (pereżempju minħabba li l-kompetenza taqa' f'idejn l-awtoritajiet reġjonali jew lokali), id-dettalji individwali tal-inkarigi jkunu sproporzjonati, iżda deskrizzjoni ġenerali ċara u konċiża tal-mod kif is-settur huwa organizzat inklużi l-fatturi komuni tal-inkarigi individwali tibqa' kruċjali.

| |
|---|
| **SIEĠ** bl-iktar mod ċar possibbli. |
| |
| Spjegazzjoni tal-**forom** (tipiċi) **ta' inkarigi**. Jekk jintużaw mudelli standard għall-inkarigi għal ċertu settur, jekk jogħġbok ehmiżhom. |
| |
| **Id-durata medja ta' inkarigu (fi snin)** u l-proporzjon tal-inkarigi li huma **itwal minn 10 snin** (f' %) għal kull settur. Speċifika f'liema setturi s-SIEĠ kienu fdati b'perjodu ta' aktar minn 10 snin u spjega kif din id-durata hija ġġustifikata. |
| |
| Spjegazzjoni dwar jekk **drittijiet esklussivi jew speċjali** (tipiċi) humiex assenjati lill-impriżi. |
| |
| Liema **strumenti ta' għajnuna** intużaw (sussidji diretti, garanziji, eċċ.)? |
| |
| **Il-mekkaniżmu** tipiku **ta' kumpens** fir-rigward tas-servizzi rispettivi użati u jekk tintużax metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-kost jew metodoloġija tal-kost nett evitat. |
| |
| **L-arranġamenti** tipiċi **biex jiġi evitat u rkuprat kumpens eċċessiv.** |
| |
| Spjegazzjoni qasira ta' kif qed ikun hemm konformità mar-**rekwiżiti ta' trasparenza** (ara l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni SIEĠ 2012) għall-għajnuna 'l fuq minn 15-il miljun euro għal impriżi li jwettqu wkoll attivitajiet barra mill-ambitu tas-SIEĠ). Fir-risposta tiegħek, jekk jogħġbok inkludi wkoll xi eżempji rilevanti ta' informazzjoni ppubblikata għal dan l-iskop (pereżempju xi links għal siti web u referenzi oħra), indika jekk għandekx sit web ċentrali li fuqu qed tippubblika din l-informazzjoni għal kull miżura ta' għajnuna kkonċernata fl-Istat Membru tiegħek (u jekk iva ipprovdi link għal dan is-sit web), jew inkella spjega jekk u kif il-pubblikazzjoni sseħħ fil-livell tal-għoti (pereżempju fuq livell ċentrali, reġjonali jew lokali). |

| |
|---|
| |
| **Ammont ta' għajnuna mogħtija** |
| **Ammont totali ta’ għajnuna mogħtija (f’miljuni ta’ EUR)**[6]. Dan jinkludi l-għajnuna kollha mogħtija fit-territorju tiegħek, inkluża għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet reġjonali u lokali. (**A** + **B** + **C**) |

| **2016** | **2017** |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **A: L-ammont totali ta’ għajnuna mogħtija (f’miljuni ta’ EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet ċentrali nazzjonali[7] |

| **2016** | **2017** |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **B: L-ammont totali ta’ għajnuna mogħtija (f’miljuni ta’ EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet reġjonali[8] |

| **2016** | **2017** |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **C: L-ammont totali ta’ għajnuna mogħtija (f’miljuni ta’ EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet lokali[9] |

| **2016** | **2017** |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **Sehem tan-nefqa għal kull strument ta’ għajnuna** (sussidju dirett, garanziji eċċ.) (jekk disponibbli) |

| **2016** | **2017** |
|---|---|
| | |

[6] Kif inhu stipulat fl-Artikolu 9 b) tad-Deċiżjoni SIEĠ 2012.

[7] Jekk l-ammont tal-għajnuna ma jistax jinqasam bejn l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali, l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija għall-awtoritajiet kollha biss għandu jkun irrappurtat.

[8] Ara n-nota f’qiegħ il-paġna7.

[9] Ara n-nota f’qiegħ il-paġna7.

| **Informazzjoni kwantitattiva addizzjonali** (pereżempju l-għadd ta' benefiċjarji għal kull settur, l-ammont medju ta' għajnuna, id-daqs tal-impriżi)[10] | |
|---|---|
| **2016** | **2017** |
| | |

## 3. DESKRIZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI TAL-QAFAS SIEG 2012

**Jekk jogħġbok ibni din il-parti tar-rapport tiegħek skont it-taqsimiet segwenti**:

1) Kumpens SIEĠ li jaqbeż il-EUR 15-il miljun, li jaqa' lil hinn mid-Deċiżjoni SIEĠ (jekk jogħġbok speċifika d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova kull miżura, jekk applikabbli):

i. Servizzi postali

ii. Enerġija

iii. Ġbir ta' skart

iv. Provvista tal-ilma

v. Konnessjonijiet bl-ajru jew marittimi għal gżejjer bi traffiku annwali medju ogħla mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(d)

vi. Ajruporti u portijiet bi traffiku annwali medju ogħla mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 2(1)(e)

vii. Kultura

viii. Servizzi finanzjarji

ix. Setturi oħra (jekk jogħġbok speċifika)

**Għal kull element spjegat hawn fuq jekk jogħġbok ipprovdi l-informazzjoni fil-forma tat-tabella segwenti:**

[10] Il-Kummissjoni tilqa' kull dejta li inti jaf għandek dwar għajnuna mogħtija skont id-Deċiżjoni SIEĠ 2012, pereżempju l-għadd ta' benefiċjarji għal kull settur, l-ammont medju tal-għajnuna, l-ammont għal kull strument tal-għajnuna, id-daqs tal-impriża, eċċ. Jekk tali dejta dwar informazzjoni kwantitattiva oħra mhix faċilment disponibbli fl-Istat Membru tiegħek, hija tista' tkun ippreżentata b'mod aktar aggregat u/jew bħala stima. F'dak il-każ jekk jogħġbok indika l-istimi li ntużaw kif ukoll x'tip ta' aggregazzjoni saret.

| **Deskrizzjoni ċara u komprensiva ta' kif is-servizzi rispettivi huma organizzati fl-Istat Membru tiegħek**[11] |
|---|
| Spjegazzjoni ta' x'tip ta' servizzi fis-settur rispettiv kien definit bħala SIEĠ fl-Istat Membru tiegħek. Jekk jogħġbok niżżel l-**kontenut tas-servizzi ikkunsidrati bħala SIEĠ** bl-iktar mod ċar possibbli. |
| |
| Spjegazzjoni tal-**forom (tipiċi) ta' inkarigi**. Jekk jintużaw mudelli standard għall-inkarigi għal ċertu settur, jekk jogħġbok ehmiżhom. |
| |
| **Id-durata medja ta' inkarigu (fi snin)** u l-proporzjon tal-inkarigi li huma **itwal minn 10 snin** (f' %) għal kull settur. Speċifika f'liema setturi s-SIEĠ kienu fdati b'perjodu ta' aktar minn 10 snin u spjega kif din id-durata hija ġġustifikata. |
| |
| Spjegazzjoni dwar jekk **drittijiet esklussivi jew speċjali** (tipiċi) humiex assenjati lill-impriżi. |
| |
| Liema **strumenti ta' għajnuna** intużaw (sussidji diretti, garanziji, eċċ.)? |
| |
| **Il-mekkaniżmu tipiku ta' kumpens** fir-rigward tas-servizzi rispettivi użati u jekk tintużax metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-kost jew metodoloġija tal-kost nett evitat. |
| |
| **L-arranġamenti tipiċi biex jiġi evitat u rkuprat kumpens eċċessiv.** |
| |
| Spjegazzjoni qasira ta' kif qed ikun hemm konformità mar-**rekwiżiti ta' trasparenza** (ara l-Paragrafu 60 tal-Qafas SIEĠ 2012). Fir-risposta tiegħek, jekk jogħġbok inkludi wkoll xi eżempji rilevanti ta' informazzjoni ppubblikata għal dan l-iskop (pereżempju xi links għal siti web u referenzi oħra), indika jekk għandekx sit web ċentrali li fuqu qed |

[11] Jekk f'ċertu settur għadd żgħir biss ta' SIEĠ individwali jeżisti fl-Istat Membri tiegħek, napprezzaw deskrizzjoni dettaljata ta' dawn is-servizzi. Jekk għadd kbir ta' servizzi huma fdati f'settur speċifiku fl-Istat Membru tiegħek (pereżempju minħabba li l-kompetenza taqa' f'idejn l-awtoritajiet reġjonali jew lokali), id-dettalji individwali tal-inkarigi jkunu sproporzjonati, iżda deskrizzjoni ġenerali ċara u konċiża tal-mod kif is-settur huwa organizzat inklużi l-fatturi komuni tal-inkarigi individwali tibqa' kruċjali. Ladarba l-każijiet li jaqgħu taħt il-Qafas SIEĠ se jkunu limitati fin-numru, il-Kummissjoni tistenna deskrizzjoni dettaljata ta' kull miżura konkreta.

| |
|---|
| tippubblika din l-informazzjoni għal kull miżura ta' għajnuna kkonċernata fl-Istat Membru tiegħek (u jekk iva ipprovdi link għal dan is-sit web), jew inkella spjega jekk u kif il-pubblikazzjoni sseħħ fil-livell tal-għoti (pereżempju fuq livell ċentrali, reġjonali jew lokali). |
| |
| **Ammont ta' għajnuna mogħtija** |
| **Ammont totali ta' għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)[12]. Dan jinkludi l-għajnuna kollha mogħtija fit-territorju tiegħek, inkluża għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet reġjonali u lokali. (A + B + C)** |

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **A: L-ammont totali ta' għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet ċentrali nazzjonali[13] |

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **B: L-ammont totali ta' għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet reġjonali[14] |

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **C: L-ammont totali ta' għajnuna mogħtija (f'miljuni ta' EUR)** imħallsa mill-awtoritajiet lokali[15] |

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **Sehem tan-nefqa għal kull strument ta' għajnuna** (sussidju dirett, garanziji eċċ.) (jekk disponibbli) |

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

| |
|---|
| **Informazzjoni kwantitattiva addizzjonali** (pereżempju l-għadd ta' benefiċjarji għal kull settur, l-ammont medju ta' għajnuna, id-daqs tal-impriżi)[16] |

[12] Kif inhu stipulat fil-Paragrafu 62 b) tal-Qafas SIEĠ 2012.

[13] Jekk l-ammont tal-għajnuna ma jistax jinqasam bejn l-awtoritajiet ċentrali, reġjonali u lokali, l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija għall-awtoritajiet kollha biss għandu jkun irrappurtat.

[14] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 13.

[15] Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 13.

[16] Il-Kummissjoni tilqa' kull dejta li inti jaf għandek dwar l-għajnuna li ngħatat skont il-Qafas SIEĠ 2012, pereżempju l-għadd ta' benefiċjarji għal kull settur, l-ammont medju tal-għajnuna, l-ammont għal kull strument

| 2016 | 2017 |
|---|---|
| | |

## 4. ILMENTI MINN PARTIJIET TERZI

Jekk jogħġbok agħti ħarsa ġenerali tal-ilmenti minn partijiet terzi, b'mod partikolari kawżi quddiem il-qrati nazzjonali, fir-rigward tal-miżuri fl-ambitu tad-Deċiżjoni SIEĠ 2012 jew tal-Qafas SIEĠ 2012. It-tweġiba tiegħek għandha tkun speċifika kemm jista' jkun filwaqt li ġentilment nitolbok tinkludi s-settur li għalih irċevejt l-ilmenti, il-kontenut tal-ilmenti, u s-segwitu possibbli mill-awtoritajiet tiegħek jew l-eżitu l-aktar probabbli mill-proċedimenti tal-qorti.

## 5. MISTOQSIJIET MIXXELLANJI

a. Ġentilment nistednuk tindika jekk l-awtoritajiet tiegħek esperjenzawx diffikultajiet fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SIEĠ 2012 u nitolbuk li tikkunsidra b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

   - it-tfassil tal-att tal-inkarigu li jikkonforma mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni SIEĠ;

   - l-ispeċifikar tal-ammont ta' kumpens skont l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni SIEĠ;

   - id-determinazzjoni tal-livell ta' profitt raġonevoli skont l-Artikolu 5 minn (5) sa (8) tad-Deċiżjoni SIEĠ;

   - il-verifika regolari tal-kumpens żejjed kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni SIEĠ;

   It-tweġiba tiegħek għandha tkun speċifika kemm jista' jkun, filwaqt li ġentilment nitolbok tinkludi eżempji rilevanti u, jekk applikabbli, is-settur li għalih id-diffikultajiet huma (l-aktar) rilevanti.

b. Ġentilment nistednuk tindika jekk l-awtoritajiet tiegħek esperjenzawx diffikultajiet fl-applikazzjoni tal-Qafas SIEĠ 2012 u nitolbuk li tikkunsidra b'mod partikolari l-kwistjonijiet li ġejjin:

   - it-twettiq ta' konsultazzjoni pubblika skont il-paragrafu 14 tal-Qafas SIEĠ;

   - il-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku skont il-paragrafu 19 tal-Qafas SIEĠ;

   - id-determinazzjoni tal-kost nett evitat kif meħtieġ mill-paragrafi 25-27 tal-Qafas SIEĠ;

   - id-determinazzjoni tal-livell ta' profitt raġonevoli skont il-paragrafi 33-38 tal-Qafas SIEĠ;

tal-għajnuna, id-daqs tal-impriża, eċċ. Jekk tali dejta dwar informazzjoni kwantitattiva oħra mhix faċilment disponibbli fl-Istat Membru tiegħek, tista' tkun ippreżentata b'mod aktar aggregat u/jew bħala stima. F'dan il-każ jekk jogħġbok indika l-istimi li ntużaw kif ukoll x'tip ta' aggregazzjoni saret.

It-tweġiba tiegħek għandha tkun speċifika kemm jista' jkun, filwaqt li ġentilment nitolbok tinkludi eżempji rilevanti u, jekk applikabbli, is-settur li għalih id-diffikultajiet huma (l-aktar) rilevanti.

c. Jekk għandek xi kummenti oħra dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni SIEĠ u l-Qafas SIEĠ dwar kwistjonijiet għajr dawk koperti mill-mistoqsijiet preċedenti jekk jogħġbok ħossok liberu/a li tipprovdihom fir-rapport tiegħek.